Isem: ______________________________ Klassi: ____________________

# IL-ĦARSA TA' RUŻANN

## LEĦĦA TA' ĦARSITHA – *IL-ĦARSA F'GĦAJNEJN MARIJA*



**A. Immarka jekk hux veru jew falz.**

| | | VERU | FALZ |
|---|---|---|---|
| 1. | Is-sena li fiha jseħħ dan l-episodju hija s-sena 1919. | | |
| 2. | F'dawn iż-żminijiet, Malta kienet għaddejja minn bidla kbira u ma baqgħetx aktar iżolata. Minkejja dan, in-nies kien għad ma kellhomx dak l-għarfien meħtieġ biex jissejħu poplu emanċipat. | | |
| 3. | L-irġiel fil-ħanut ta' Wenzu kienu qed jitkellmu dwar razza ta' nies li kellhom dixxendenza Olandiża li jissejħu l-Buweri. | | |
| 4. | Wenzu kien irnexxielu jimxi aktar 'il quddiem (minn dawk li ltqajna magħhom qabel fir-rumanzett) billi fetaħ negozju u għalhekk sar aktar awtonomu u għażel li jfassal ħajtu kif irid hu. | | |
| 5. | F'dan ir-rakkont, in-nisa kienu diġà ħadu posthom fis-soċjetà u emanċipaw ruħhom. | | |
| 6. | Minkejja l-ħafna tibdil li kien qed iseħħ f'Malta, in-nies kienu għadhom jgħixu f'faqar kbir u ħajja sempliċi. Jissemma wkoll xi mard komuni ta' dakinhar bħat-trakoma u r-rewmetiżmu. | | |

Lilian Mizzi



**B. Ikteb in-numri fil-kaxxi biex toħloq is-sekwenza tal-episodju.**

| | |
|---|---|
| | Għal dan il-kliem Marija (taħt l-għajnejn jitbissmu ta' Rużann) ntefgħet b'ruħha u ġisimha fuq is-sagristan u tefgħetu għal ġot-triq. |
| | Taqbad lil Pietru u tibda tgħidlu li hemm bżonn li jitgħallem jaqra u jikteb mhux joqgħod jilgħab barra fit-triq mat-tfal l-oħra. |
| | Marija terġa' titmasħan u tgħidilhom li aħjar jaħsbu fuq dak li qed jiġri f'Malta aktar milli f'dak li qed jiġri f'pajjiż ieħor imbiegħed. |
| | L-episodju jiftaħ fil-ħanut tal-inbid ta' Wenzu u xi parruċċani, fosthom is-sagristan, qed jixorbu u jiddiskutu flimkien wara ġurnata xogħol. |
| | F'dan ir-rakkont l-awtur jeħodna lura għal meta Marija ltaqgħet ma' Wenzu u dawn ikkonvinċew lill-familjari tagħhom biex jiżżewġu billi niżlu ġo bir bla ilma u ma telgħux qabel qalgħu l-benedizzjoni tagħhom. |
| | L-awtur jerġa' jfakkarna fil-waqtiet sbieħ ta' Rużann u Mark-Antonin meta kienu jinnamraw u Rużann donnha kienet diġà taf li dik il-kreatura li qiegħda ġġorr ġo fiha kienet biss "*il-bidu ta' poplu ta' ħniena, ta' bżulija, ta' mogħdrija*". |
| | Tibda d-diskussjoni fuq il-Buweri, jekk kinux '*slavaġ u suwed'*. Wenzu, ir-raġel ta' Marija ma jaqbilx u jmeri lis-saġristan. |
| | Marija kienet lesta li tagħmel minn kollox biex iddaħħal sold basta tara lil Pietru jitgħallem l-iskola |
| | F'għajnejn Marija naraw għajnejn Rużann li qed jaraw u jiflu '*l-fjur-xempju tal-emanċipazzjoni tal-irġiel*'. |
| | Tinħoloq frattarija sħiħa fit-triq tant li l-kappillan ħaseb li kien hemm xi ħadd li kellu bżonn l-assuluzzjoni. |
| | Jissemma wkoll il-Baruni x-Xiħ u dan ma xtaqx li Marija titlaq mix-xogħol tagħha, donnu għax kellu 'rabta' speċjali magħha, rabta li l-qarrejja jafu minn fejn hi ġejja. |
| | Tidħol Marija u tgħid lill-irġiel li jekk ma jisktux ser tagħtihom daqqa ta' xkupa. |
| | Marija ssostni li l-Buweri huma nies bojod u jafu l-iskola iżda s-sagristan jibqa' jmeriha u jgħidilha "*Mela n-nisa jifhmu xi ħaġa*?" |
| | Marija donnha titnebbaħ minn Rużann li aħjar nisħqu u nagħtu importanza lin-nies ta' pajjiżna stess, milli noħolqu diskussjoni fuq nies li huma n-naħa l-oħra tad-dinja. |
| | Marija qiegħda tisma' l-'*għerf*' ħiereġ fuq il-Buweri u terġa' mill-ġdid issikkithom għax tibża' li jwerwrulha lil binha Pietru (id-dixxendent il-ġdid ta' Rużann). |
| | Marija twissi lil Wenzu li għandu bżonn jagħmel aktar moħħu hemm u jaħdem aktar biex ikunu jistgħu jibagħtu lil uliedhom l-iskola. |

Lilian Mizzi

Lilian Mizzi